25 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Zahra

**Char-a-banc — Konduttur — Art. 172 u 131 tal-G.N. 24/1948.**

*Kull char-a-banc għandu jkun hemm fiha konduttur liċenzjat. Għall-osservanza ta' dan ir-regolament hu responsabbli d-driver tal-vettura, u mhux is-sid tagħha.*

Il-Qorti;— Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha l-imputat ġie akkużat illi Spencer Hill, fil-25 ta' Frar, 1955, għal xi s-7.30 p.m., ħaddem ix-char-a banc 2545 mingħajr konduttur liċenzjat, naqas jagħti biljetti lill-passiġġieri, u talab "fare" aktar milli għandu stabbilit fit-tariffa bejn Spencer Hill u l-Belt;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Mejju, 1955, li biha sabitu ħati talli naqas li jagħti biljetti u kkundannatu 7s.6d. ammenda, ħati talli żamm "fare" iżjed u kkundannatu 12s.6d.

ammenda, u lliberatu mill-imputazzjoni li saq char-a-banc bla konduttur;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella limitatament għall-assolutorja mill-ewwel imputazzjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni li minnha sar appell hi dik li l-imputat ħaddem, vwoldiri saq, ix-char-a-banc, mingħajr konduttur liċenzjat għax irritjena li responsabbli huwa s-sid;

Issa, skond ir-regolamenti No. 127 G.N. 24/1948, f'kull char-a-banc għandu jkun hemm konduttur liċenzjat; u skond ir-regolament 131, id-driver hu responsabbli, minbarra għall-manutenzjoni u s-sewqan tal-vettura fit-triq, anki għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet kollha rilevanti tar-regolamenti;

Id-dispożizzjoni hi rilevanti vis-a-vis id-driver jekk hi korrelatata mas-sewqan, li, fil-kontest, għandu jfisser mhux biss il-manipulazzjoni tal-konġenji mekkaniċi tas-sewqan, imma anki kull ma għandu x'jaqsam mal-fatt li x-char-a-banc ikun miexi "on the road". Issa, hu ovvju li, jekk ma jkunx hemm konduttur, allura mal-passiġġieri, jkollu jlaħħaq id-driver, u dan bi preġudizzju tal-element tas-"safety" fis-sewqan; għax l-attenzjoni tiegħu tkun diviża;

Għalhekk tiddeċiedi billi tilqa' l-appell kif limitat, tirriforma s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat ħati anki ta' l-ewwel imputazzjoni, u wara li rat ir-regolamenti 127 u 131 tal-G.N. 24/1948, u l-art. 17 tal-Kap. 105, tikkundanna lill-appellat għall-emenda ta' 10s., titħallas żmien jumejn.

---